MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 923/2008

**Learnkey Limited C-24652**

**vs**

**Adriana Muscat (ID-404490M), Aldo Muscat (ID-774255M), Marie Louise Muscat (ID-377657M)**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta Novembru 2008, fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati solidalment bejniethom jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro2,725.37c (elfejn, sebgha mija u hamsa u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu) rapprezentanti bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta in konnessjoni ma kors ta' tahrig kontrattat mill-konvenuta Adriana Muscat bl-approvazzjoni tal-genituri taghha, l-konvenuti l-ohra f'din il-kawza u dana kif jirrizulta minn skrittura ta ftehim anness u markat bhala Dok LK1.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 15 ta’ Mejju 2008 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika l-odjern avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikati legalment il-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tat-8 ta’ Jannar 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ Euro2,725.37c (elfejn, sebgha mija u hamsa u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------